# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 23

Data tal-laqgħa: 17 t'Awwissu, 2020

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tnejn, 17 t' Awwissu 2020 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Assenti b'appoloġija | Christopher Fenech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**23/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**23/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Christopher Fenech biex jiġi skużat minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li jiġi reġistrat bħala Assenti b'appoloġija.

**23/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 21 u 22**

**23/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**23/02/02** **Para 21/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li waqt il-laqgħa mal-Cleansing and Maintenance Division ġejna infurmati li d-Diviżjoni qedha għaddejja b'eżerċizzju fejn qed tgħaddi l-latrini pubbliċi li m'għandhiex interess li żżommhom taħt ir-responsabbilta' tagħha lill-Kunsilli Lokali.

**23/02/03** **Para 21/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew il-ħaddiema mid-District Office biex isiru toqob għal *bollards* f'toroq prinċipali u li jekk ma humiex ser jaqduna fil-futur qarib ser inqabbdu lil xi ħadd privat.

**23/02/04** **Para 21/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima rigward il-ground ta' Xwieki peress li Sport Malta qeda f'kawża l-Qorti vs B'Kara St. Joseph.

**23/02/05** **Para 21/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja.

**23/02/06** **Para 21/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-inġinier qed jiffinalizza l-applikazzjoni biex inġibu fondi mill-UIF (Urban Improvements Fund) għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**23/02/07** **Para 21/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida u l-arblu għal Triq iċ-Ċawl saru imma għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

**23/02/08** **Para 21/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Salvu Fenech ser jaħdem il-bieb tal-kuritur t'isfel kif ukoll ser jibdel waħda mis-sellaturi tal-bieb tal-uffiċċju f'Settembru.

**23/02/09** **Para 21/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta minn Transport Malta fuq it-talba għal *sleeping police* qrib il-ħruġ tal-McDonald's.

**23/02/10** **Para 21/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew linji gwida mingħand il-Lands Authority sabiex noħorġu *expression of interest* biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata.

**23/02/11** **Para 21/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq il-fondi tal-UE biex isir restawr tal-ħitan tas-sejjieħ tal-Ġnien tal-Ponta.

**23/02/12** **Para 21/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**23/02/13** **Para 21/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Reġjun Tramuntana ser jinstalla 2 CCTV Cameras fil-Ġnien ta' Żagħruna.

**23/02/14** **Para 21/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*Keep Clear* quddiem 'The Calling' fi Triq Caravaggio saret.

**23/02/15** **Para 21/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*open board* għal ħdejn l-Għassa tal-Pulizija sar.

**23/02/16** **Para 21/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Maltapost p.l.c biex il-*letterbox* timxi minn fejn l-għassa għal pjazza.

**23/02/17** **Para 21/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-mera fuq *pole* għal Triq Santa Katerina qrib Quarry 5 saret.

**23/02/18** **Para 21/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta fuq il-korrispondenza minn Dr David H Harding – Re il-post tal-klijenti tiegħu ġewwa Għargħur – użat ukoll għal Health Services tal-Gvern, Leap kif ukoll mill-Pulizija bħala l-Għassa tal-Għargħur.

**23/02/19** **Para 21/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*pole* u l-bankina perikoluża fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadhom hemm u li x-xogħol għadu għaddej.

**23/02/20** **Para 21/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħriġna *works order* għaż-*zebra crossings* u dawl adegwat. Iż-*zebra crossing* ta' Triq San Ġwann qeda taħdem.

**23/02/21** **Para 21/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv ġabret l-istimi għal *bollards* ġodda ħdejn żvilupp fil-kantuniera ta' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu.

**23/02/22** **Para 21/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq Għaxqet l-Għajn (in-naħa ta' *searchlight battery*) qed tixgħel.

**23/02/23** **Para 21/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt ser toħroġ sejħa għal knis tat-toroq.

**23/02/24** **Para 21/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia fuq il-proġett ta' tisbiħ tal-Lanċiritka kif ukoll Triq Għaxqet l-Għajn minn bollard sa bollard għadha ma saretx.

**23/02/25** **Para 21/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-attività ta' 'Jum il-Għargħur' kienet suċċess.

**23/02/26** **Para 21/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *dog bin* għal Triq in-Naxxar sar.

**23/02/27** **Para 21/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt il-kuntrattur ser ikun qed jagħmel *refreshing* tal-*speed limits* li għandna madwar ir-raħal.

**23/02/28** **Para 21/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġet *works order* għal *parking bays* ġodda fi Triq in-Naxxar.

**23/02/29** **Para 21/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ser joħroġ fuljett f'Awwissu.

**23/02/30** **Para 21/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq Għaxqet l-Għajn 'l isfel mill-Madonna tal-Ġebla l-Kbira saret imma għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

**23/02/31** **Para 21/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat iż-żebgħa sabiex nerġgħu niżbgħu c-*central strip* ta' quddiem l-Oratorju.

**23/02/32** **Para 21/02/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi xhur li ġejjin il-Cleansing and Maintenance Division ser jipprovdu CCTV camera għal ħdejn l-Sptar tal-Ferħa.

**23/02/33** **Para 21/02/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza li qeda fit-Triq tal-Balal ħdejn ir-roundabout biex tidħol fi Triq Santa Katrina se tibqa' fejn hi.

**23/02/34** **Para 21/02/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġabret stima (€6,844) biex nirranġaw il-ħajt ta' Triq San Bartilmew. Għaldaqstant, ġie deċiż li minflok nirranġaw il-ħajt aħna, nibgħatu ittra bl-Avukat lis-sidien tal-għalqa biex jirranġaw il-ħajt huma malajr kemm jista' jkun.

**23/02/35** **Para 21/02/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser isiru kaptelli tal-konkos fejn hemm il-ġandott ta' Triq il-Ġnien u ordnat *cats-eyes* biex jeħlu mal-*crash barrier* li tinsab fl-istess triq.

**23/02/36** **Para 21/02/46:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser issir *information panel* fi Ġnien il-Paċi fuq l-Għajn tal-ilma.

**23/02/37** **Para 21/02/47:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi flimkien ma' Sur Christopher Fenech iltaqgħu ma' Sinjura Natalie Zammit (mill-Public Transport) sabiex il-*bus stop* ta' Triq San Bartilmew jiġi ħdejn il-Knisja u jsir *bus shelter* żgħir.

**23/02/38** **Para 21/02/48:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq San Bartilmew mal-ħajt ta' Primadent Dental Clinic saret imma għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

**23/02/39** **Para 21/02/50:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sabiex innaqqsu kemm nistgħu l-istorbju fl-Uffiċċju Amministrattiv, ordnat il-*gypsum* u meta jkun lest tkun tista' tordna l-bieb tal-a*luminum* bil-ħġieġ *double glazed*.

**23/02/40** **Para 21/05/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rrestawr fuq il-monument tal-pjazza sar u ordnat l-irħama ta' Franġiska Fenech.

**23/02/41** **Para 21/05/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikajna biex issir Cat Café fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**23/02/42** **Para 21/05/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-mera għal Triq Gaspare Formica k/m Triq ix-Xwieki saret.

**23/02/43** **Para 21/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kuntrattur se jimplimenta sinjali fi Triq Għaxqet l-Għajn ħalli n-nies isuqu u jipparkjaw sew.

**23/02/44** **Para 21/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-maġġoranza tar-residenti ma qablux li Triq iċ-Ċawl tiġi *one-way* min-naħa ta' Triq il-Kbira.

**23/02/45** **Para 21/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-1m *double yellow line* mal-ġnub tal-garaxx fi Triq Santa Katerina għadu ma sarx.

**23/02/46** **Para 21/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-mera fi Sqaq ix-Xgħajrat saret.

**23/02/47** **Para 21/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*bin* ta' ħdejn il-*bus stop* ta' Triq ix-Xwieki tneħħa minħabba li rċevejna diversi ilmenti u minflok tqiegħed ħdejn il-ground ta' Xwieki.

**23/02/48** **Para 21/05/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser napplikaw għal fondi mill-Majjistral Action Group Foundation għad-dawl kemm għat-Torri tas-Semaforu kif ukoll għal bini tal-Kunsill.

**23/02/49** **Para 21/05/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-3 tabelli li juru d-direzzjoni, tnejn fi Triq Stiefnu Zerafa u waħda fi Triq Caravaggio saru.

**23/02/50** **Para 21/05/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet li Street Naming Committee sabiex Triq il-Mitħna tiġi Sqaq il-Mitħna.

**23/02/51** **Para 21/05/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tellgħet avviż fuq il-Facebook page tal-Kunsill fuq x'jistgħu jitimgħu l-qtates.

**23/02/52** **Para 21/05/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li inkludejna l-iskeda tal-ġbir tal-iskart fil-fuljett t' Awwissu.

**23/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**23/03/01** Ma kienx hemm.

**23/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**23/04/01** Ma kienx hemm.

**23/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**23/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava – Cir AKL 2020/078 Kontroll fuq il-ħamiem selvaġġ. L-Assoċjazzjoni qed tistenna risposta dwar dan mill-Ministeru konċernat. Il-Kunsilli huma liberi li jekk il-problema hija kbira, allura jieħdu l-miżuri li jidhrilhom li huma xierqa sabiex itaffu l-problema temporanjament.

**23/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 15 ta' Lulju 2020).

**23/05/03** Ġiet innutata korrispondenza (Ref:7333) minn Transport Malta fejn resident applika għal 1.5m Keep Clear Bay / Reserved Parking Bay fi Triq Santa Katerina, Għargħur.

**23/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 22 ta' Lulju 2020).

**23/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Inġ Adrian Gatt minn 'Grow 10 Trees' fejn talab sabiex nibagħtu *bowser* tal-ilma. Kien hemm qbil unanimu.

**23/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority – *Notification of Receipt of Fresh Plans, Application Number: PA/05041/17; Location: Site at (Previously known as Summiena Farm), Sqaq l-Imnieqa, Naxxar; Proposal: Demolition of existing broiler houses and reconstruction of an old people's home and all ancillary facilities including construction of an indoor pool.*

**23/05/07** Ġiet innutata korrispondenza (Ref:7382) minn Transport Malta fejn residenta applikat għal 1.5m Keep Clear Bay / Reserved Parking Bay fi Triq l-Isqof Tumas Gargallo, Għargħur.

**23/05/08** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta li tgħid li tista' ssir central strip fi Vjal ir-Repubblika.

**23/05/09** Ġiet innutata korrispondenza (Ref:7333) minn Transport Malta fejn l-Awtorità qed tinfurmana li l-applikazzjoni għal Parkeġġ Riservat ġiet approvata b'mod permanenti.

**23/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 5 ta' Awwissu 2020).

**23/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Charmaine Libiano mill-Cleansing and Maintenance fejn ġejna nfurmati li d-Diviżjoni qedha għaddejja b'eżerċizzju fejn qed tgħaddi l-latrini pubbliċi li m'għandhiex interess li żżommhom taħt ir-responsabbilta' tagħha lill-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant, l-meters tad-dawl u l-ilma tal-latrina pubblika li tinsab fi Triq San Ġwann ser jiġu trasferiti fuq il-Kunsill.

**23/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 12 ta' Awwissu 2020).

**23/05/13** Fuq it-talba ta' resident għal *sleeping police* fi Triq il-Ġnien (lejn il-Madliena). Kien hemm qbil unanimu.

**23/05/14** Fuq it-talba ta' residenta għal *refreshing* tar-*road markings* ta' quddiem iċ-ċimiterju. Kien hemm qbil unanimu.

**23/05/15** Fuq it-talba ta' resident biex l-*sleeping police* tiċċaqlaq minn fejn qeda fi Triq l-Isqof Gargallo (in-naħa tad-Duluri). Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**23/05/16** Fuq it-talba biex tiżdied biċċa mill-gate jew tinbidel għax qeda maqtugħa ħafna mill-art u t-tfal jistgħu joħorġu minn taħtha. Il-Kunsill talab iktar informazzjoni.

**23/05/17** Fuq it-talba ta' residenta għal *bollards* ħdejn l-għatba tar-residenza tagħha fi Sqaq Charlotte (spejjeż għaliha). Kien hemm qbil unanimu.

**23/05/18** Fuq it-talba ta' residenta għal *sleeping police* ħdejn Ta' Cuschieri Apartments fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax diġà hemm tlieta.

**23/05/19** Fuq it-talba ta' residenta biex issir *zebra crossing* qrib il-pjazza. Il-Kunsill talab li nsaqsu lir-residenta fejn qed tissuġġerixxi li ssir iz-*zebra crossing.*

**23/05/20** Fuq l-ilment ta' residenta għax tneħħew id-*double yellow lines* ħdejn tan-Nanna restaurant u faċċata. Il-Kunsill jikkonferma li dawn tneħħew biex jiżdiedu l-parkeġġi.

**23/05/21** Fuq it-talba ta' residenta biex meta jiġi l-warden, jagħti ċ-ċitazzjonijiet fil-pjazza għax wara t-8:30pm ikun hemm *double* u *triple parking* u l-warden qatt ma jersaq biex jagħti ċ-ċitazzjonijiet. Għalkemm, il-wardens jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tal-L.E.S.A, il-Kunsill jista' jikkonferma li rondi qed isiru kemm mill-L.E.S.A kif ukoll mill-Pulizija.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**23/05/22** Fuq it-talba ta' residenta biex il-Kunsill Lokali jagħmel servizz ta' karozza għall-anzjani biex ikunu jistgħu jċemplu u jinqdew biex imorru n-Naxxar u l-Mosta. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Anzjanita' Attiva u Kura fil-Komunita' bdiet tipprovdi servizz ta' trasport lokali b'xejn lill-persuni anzjani f'diversi lokalitajiet sabiex ikunu jistgħu jagħmlu l-qadi tagħhom. Bħalissa qed issir ħidma sabiex dan is-servizz jiġi estiż fuq skala nazzjonali.

**23/05/23** Fuq it-talba ta' residenta biex jinqala' bank minn Triq Giovanni Gafa'. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**23/05/24** Fuq it-talba għal kaxxa safra quddiem il-garaxx numru 1 fi Triq Mons. L. Catania. Kien hemm qbil unanimu.

**23/05/25** Fuq it-talba għal *electric bollards* ħdejn il-garaxx numru 1 fi Triq Mons. L. Catania. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**23/05/26** Fuq it-talba ta' resident għal *bollards* fi Triq il-Qiegħed direzzjoni lejn Triq il-Kbira. Kien hemm qbil unanimu li jsiru żewġ *bollards*.

**23/05/27** Fuq it-talba ta' resident għal mirja f'kull direzzjoni fi Triq San Ġwann k/m Triq Stiefnu Zerafa. Kien hemm qbil unanimu.

**23/05/28** Fuq it-talba tal-Għaqda tan-Nar għal *toqob* għal żmien il-festa, bażikament żewġ toqob xħin taqbeż il-*gate* tal-*barrier,* żewġ toqob Birguma fejn hemm il-Villa u żewġ toqob fejn isir in-nar tal-art (il-Ġebla l-Kbira). Fuq iż-żewġ toqob xħin taqbeż il-*gate* tal-*barrier* u żewġ toqob Birguma fejn hemm il-Villa l-Kunsill ser jitlob permess lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar peress li dawn iridu jsiru fil-konfini tagħhom. Fil-waqt kien hemm qbil li jsiru żewġ toqob fejn isir in-nar tal-art.

**23/05/29** Fuq it-talba ta' resident biex nirranġaw partijiet mill-ħajt tas-sejjieħ ta' Triq in-Naxxar. Kien hemm qbil unanimu.

**23/05/30** Fuq it-talba ta' residenta biex ma jgħaddux żwiemel bil-karrettun minn Triq Caravaggio. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**23/05/31** Fuq it-talba ta' resident għal mera fi Triq Fidiel Zarb għal minn ħiereġ minn Sqaq San Ġorġ. Kien hemm qbil unanimu.

**23/05/32** Is-Sindku resqet biex issir parti mit-Triq Għaxqet l-Għajn taħt is-siġar (min-naħa ta' Triq il-Ġnien). Kien hemm qbil unanimu li niktbu lil Ministru Dr Ian Borg u jekk ma jaċċettax isir mill-Kunsill.

**23/05/33** Fuq it-talba ta' resident għal *double yellow line* bejn id-dar numru 80 u l-garaxx numru 78 fi Triq Stiefnu Zerafa. Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit*.

**23/05/34** Is-Sindku resqet biex issir bozza ġdida fi Triq Santa Katerina min-naħa ta' Triq tal-Balal. Kien hemm qbil unanimu.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**23/05/35** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jitneħħa l-1m *double yellow line* biex jintrebaħ parkeġġ fi Triq San Ġwann. Kien hemm qbil unanimu.

**23/05/36** Is-Sur Abraham Aquilina li ntawlu daqsxejn oħra d-*double yellow line* li nsibu aħna u deħlin fit-Triq Għaxqet l-Għajn man-naħa tax-xellug (min-naħa ta' Triq il-Ġnien). Kien hemm qbil unanimu.

**23/05/37** Is-Sur Abraham Aquilina qal li ser issir laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia nhar it-Tlieta, 25 t'Awwissu fis-6:30pm ġewwa Reġjun Tramuntana.

**23/05/38** Is-Sur Abraham Aquilina spjega li s-Sur Ronnie Gauci għandu l-ħsieb li jippubblika ktieb bl-istejjer, leġġendi fuq San Bert fost affarijiet oħra u talabna ngħinuh. Kien hemm qbil unanimu.

**23/05/39** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet li ssir tabella fil-Ġnien ta' Żagħruna li tgħid li din hija żona residenzjali kunu prudenti jekk jgħoġobkom tagħmlux storbju. Kien hemm qbil unanimu.

**23/06 Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart (Jannar – Marzu 2020) u Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart (April – Ġunju 2020)**

**23/06** Is-Sindku ppreżentat ir-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart kif ukoll ir-Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart u pproponiet l-approvazzjoni tar-rapporti kif ippreżentati. Il-Kunsill qabel unanimament.

**23/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**23/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**23/08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**23/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 14 ta' Settembru 2020 fil-5:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**